MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 1073/2013

**Charles Grech & Company Limited**

**Vs**

**Kenneth Mallia Milanes**

Permezz ta’ kawza prezentata fil-11 ta’ Novembru 2013 l-attrici talbet il-hlas ta’ dsatax-il elf tmien mija u hames ewro u erbghin centezmu (€19805.40), bilanc ta’ prezz tal-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut u bl-imghax minn meta l-hlas kien dovut. L-attrici pproponiet il-kawza bil-procediment sommarju specjali kontemplata fl-Artikolu 167 tal-Kap. 12.

Fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2013 il-partijiet ftehemu:-

***1. Il-konvenut jammetti t-talbiet.***
***2. Sa nhar it-Tnejn, 16 ta' Dicembru, 2013 fid-9.00am ta' filghodu l-konvenut ihallas akkont ta' Eur 7,000 (flus kontanti jew permezz ta' bankdraft).***
***3. Il-bilanc jithallas fi zmien sitt xhur mis-16 ta' Dicembru, 2013 permezz ta' pagamenti f'ammont ugwali li jridu jsiru kull tletin gurnata. Fl-eventwalita` li jfalli pagament wiehed, jiddekadi minnufih mill-beneficcju tat-terminu.***
***4. Dan l-arrangament jigi nkorporat f'sentenza.***
***5. Mal-hlas tas-somma ta' Eur 7,000 l-attrici thassar il-mandat kawtelatorju b'dan li jekk il-konvenut jiddekadi mill-beneficcju tat-terminu, tkun tista' minnufih terga' titlob il-hrug ta' mandati esekuttivi fuq il-bilanc kollu.***
**6.** ***Spejjez kollha huma a karigu tal-konvenut***.

Fis-seduta tal-lum gie kkonfermat li l-konvenut hallas is-somma ta' sebat elef ewro (€7,000) skond il-ftehim, u ghalhekk l-attrici rriduciet l-ammont pretiz bl-istess somma[1].

**Ghal dawn il-motivi l-qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba kif ridotta u b'hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tnax-il elf tmien mija u hames ewro u erbghin centezmu (€12,805.40) b'dan li l-hlas ghandu jsir fi zmien sitt (6) xhur b'effett mil-lum permezz ta' pagamenti li jsiru kull tletin (30) gurnata fl-ammont ta' elfejn mija u erba' u tletin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€2,134.23) kull darba. Fl-eventwalita' li l-konvenut ikun moruz f'pagament wiehed huwa jitlef *ipso jure* l-beneficcju tat-terminu u l-bilanc ikun kollu dovut u l-attrici tkun awtorizzata titlob il-hrug ta' mandati ezekuttivi.**

**Spejjez a karigu tal-konvenut**.

[1] Illum gie wkoll ikkonfermat li d-difensur tal-attrici ffirma l-kontromandati relattivi ghall-mandati kawtelatorji li bhalissa hemm kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------